# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 1304

Kaz nru 1591

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Donald Vassallo

u

ACT Limited

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Illum : 18 ta' Gunju, 2002

Chairman : is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD (UK)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 13 ta' Novembru, 2001 b'riferenza MSP/TI/81/2001 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant Donald Vassallo kien assistit mill-avukat Edward Zammit-Lewis waqt li ghall-ACT Limited kienet rapprezentata mis-sur Anthony Borg assistit mill-avukat Martin Fenech.

ECCEZZJONI PRELIMINARI

Fl'istqarrija tal-kaz is-socjeta' ntimata, da parti taghha qalet illi preliminarjament l-Appellati jirrilevaw illi l-kaz kif propost huwa insostenibbli u ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appelllant u dan stante il-fatt illi l-kaz de quo gie intavolat kontra allegat socjeta bl-isem ACT Limited, isem li fir-rejalta ma jikkorrispondix ghall-ebda socjeta registrata mar-Registratur tas-Socjetajiet. Is-socjeta tkompli tghid, li ghaldaqastant il-kaz infetah kontra socjeta inezistenti.

Dr Edward Zammit-Lewis li deher ghall-appellant talab korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri odjerni fis-sens illi minflok Donald Vassallo kontra ACT Ltd, tigi Donald Vassallo kontra Advanced Computer Technology Limited.

DECIZJONI

Wara li t-Tribunal Industrijali ezamina d-dokumenti esibiti u ezamina id-dokument tar-Registratur tas-Socjetajiet datat 26 ta' Dicembru 2001 li jghid " This is to verify that according to our records no company with the name ACT Limited is registered under the Companies Act, 1995 and the Commercial Partnerships Ordinance or was ever so registered " in vista ta' dan gie stabilit li l-isem tal-Kumpanija Appellata gie imnizzel f'dawn il-proceduri b'mod hazin.

It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li la darba l-isem tal-Kumpanija Appelllata gie imnizzel b'mod hazin m'hemmx triq ohra ghajr dik li jilqa' l-eccezzjoni tal-Kumpanija Appellata. Din id-decizjoni qed tittiehed wkoll fid-dawl ta' decizjonijiet simili li diga ittiehdu mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 1993 fil-kawza Joseph Borg Bartolo vs Corinthia Group of Companies kif citata fid-dceizjoni numru 602 u

wkoll wara li ra id-decizjoni 1084, kaz Nru 1387 fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn James Debono vs Dowty "O" Rings.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal Industrijali jiddecidi li l-proceduri kollha huma rritwali u nulli peress li l-kaz gie maghmul kontra kumpanija li fil-fatt ma teziztix.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol

Ghall-finijiet ta' l-Avviz legali Numru 48 tal-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40(erbghin lira Maltin).

Harold Walls
Chairman

Vince Micallef
Segretarju